## Liġi tal-Istat Membru - il-Kroazja

Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.
Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin: hr diġà ġew tradotti.

### Il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja

Il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja

Il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja tat-22 ta' Diċembru 1990 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni tal-1990"), meta adottat l-ordni kostituzzjonali l-ġdid tal-1990, iddefiniet il-konfigurazzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Kroazja (minn hawn 'il quddiem "il-Qorti Kostituzzjonali") u n-natura u l-limiti tas-setgħat tagħha.

Skont il-Kostituzzjoni tal-1990:

- Il-Qorti Kostituzzjonali hija magħmula minn 11-il imħallef elett mill-Kamra tar-Rappreżentanti abbażi ta' proposta mill-Kamra tal-Kontei tal-Parlament tar-Repubblika tal-Kroazja, għal perjodu ta' tmien snin minn fost esperti legali straordinarji, speċjalment imħallfin, prosekuturi pubbliċi, avukati u professuri tal-liġi universitarji;
- Il-Qorti Kostituzzjonali teleġġi president tal-Qorti għal perjodu ta' erba' snin; l-imħallfin tal-Qorti Kostituzzjonali ma jistgħux iwettqu ħidma oħra pubblika jew professjonali;
- L-imħallfin tal-Qorti Kostituzzjonali għandhom l-istess immunità bħall-membri tal-Parlament tal-Kroazja;
- Imħallef tal-Qorti Kostituzzjonali jista' jitneħħa mill-inkarigu qabel ma jiskada t-terminu li jkun ġie elett għalih jekk hu jitlob dan, jekk tinqatagħlu sentenza għal terminu ta' priġunerija, jew jekk il-Qorti Kostituzzjonali stess issib li dan sar permanentement inkapaċi milli jwettaq dmirijietu.

Skont il-Kostituzzjoni tal-1990, is-setgħat bażiċi tal-Qorti Kostituzzjonali kienu dawn:

- li tiddeċiedi dwar il-konformità tal-liġijiet mal-Kostituzzjoni, u li tħassarhom jekk issib li dawn imorru kontra l-kostituzzjoni;
- li tiddeċiedi dwar il-konformità ta' leġiżlazzjoni oħra mal-Kostituzzjoni u l-liġi, u li tħassar jew tannulla kull leġiżlazzjoni oħra li tara li mhix kostituzzjonali jew li mhix skont il-liġi;
- li tipproteġi l-libertajiet u d-drittijiet kostituzzjonali tal-bniedem u taċ-ċittadini fi proċedimenti mibdija b'ilment kostituzzjonali;
- li tiddeċiedi dwar kwistjonijiet ġuriżdizzjonali bejn korpi leġiżlattivi, eżekuttivi u ġudizzjarji;
- li tissorvelja l-kostituzzjonalità tal-programmi u tal-attivitajiet tal-partiti politiċi bil-possibilità li xogħolhom jiġi pprojbit jekk il-programmi jew l-attivitajiet ikunu theddida ta' vjolenza kontra l-ordni kostituzzjonali demokratiku, l-indipendenza, l-unità jew l-integrità territorjali tar-Repubblika tal-Kroazja;
- li tissorvelja l-kostituzzjonalità u l-legalità tal-elezzjonijiet u tar-referenda repubblikani u li ssolvi kwistjonijiet elettorali li ma jaqgħux fil-ġuriżdizzjoni tal-qrati;
- li tistabbilixxi, fuq proposta tal-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja, li l-President tar-Repubblika tal-Kroazja ma jistax iwettaq dmirijietu b'mod permanenti, f'liema każ ħidmet il-President tar-Repubblika jwettaqha temporanjament il-President tal-Parlament Kroat;
- li fi proċedimenti istitwiti b'maġġoranza ta' żewġ terzi mir-rappreżentanti kollha tal-Kamra tar-Rappreżentanti tal-Parlament Kroat, hija tiddeċiedi b'votazzjoni li jkollha l-maġġoranza ta' żewġ terzi tal-imħallfin kollha dwar id-denunzja kontra l-President tar-Repubblika. Jekk il-Qorti Kostituzzjonali tikkonferma d-denunzja, id-dmirijiet tal-President tar-Repubblika ma jibqgħux fis-seħħ kif previst fil-Kostituzzjoni.

Il-Kostituzzjoni tal-1990 stipulat ukoll li l-att kostituzzjonali kellu jirregola l-kundizzjonijiet sabiex jiġu eletti l-imħallfin tal-Qorti Kostituzzjonali u sabiex jintemm il-mandat tagħhom, il-kundizzjonijiet u l-limiti ta' żmien sabiex jinfetħu l-proċedimenti biex tiġi

riveduta l-kostituzzjonalità u l-legalità, il-proċedura u l-effetti legali tad-deċiżjonijiet tagħha, il-protezzjoni tal-libertajiet kostituzzjonali u tad-drittijiet tal-bniedem u taċ-ċittadini, u kwistjonijiet oħra importanti għall-qadi tad-dmirijiet u l-ħidma tal-Qorti Kostituzzjonali, u li dan l-att kostituzzjonali kellu jgħaddi permezz tal-proċedura stipulata għall-emendar tal-Kostituzzjoni.

Sa mill-1990, l-ebda liġi fl-ordni kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Kroazja, apparti mill-Att Kostituzzjonali dwar il-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Kroazja, ma kellha tgħaddi permezz tal-proċedura stabbilita għall-Kostituzzjoni stess, jiġifieri li l-Kostituzzjoni tagħtiha forza kostituzzjonali. Din hija turija ċara tal-importanza u tar-rwol li r-reviżjoni kostituzzjonali għandha fl-ordni legali tal-Kroazja.

B'konformità mal-Kostituzzjoni tal-1990, f'Marzu 1991 il-Parlament Kroat għadda l-ewwel Att Kostituzzjonali dwar il-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Kroazja (minn hawn 'il quddiem "l-Att Kostituzzjonali tal-1991"), li jkompli jiżviluppa s-setgħat tal-Qorti Kostituzzjonali speċifikati mill-Kostituzzjoni tal-1990.

**L-ewwel bidla fil-Kostituzzjoni** tal-1990 seħħet fl-aħħar tal-1997, meta għadda l-Att Kostituzzjonali li jemenda u jissupplimenta l-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja. L-ebda waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni tal-1990 li tirregola s-setgħat tal-Qorti Kostituzzjonali ma ġiet mibdula jew issupplimentata b'dawn l-emendi u ż-żidiet. F'Settembru 1999 il-Parlament għadda Att Kostituzzjonali ġdid dwar il-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Kroazja (minn hawn 'il quddiem "l-Att Kostituzzjonali tal-1999").

**It-tieni bidla fil-Kostituzzjoni** seħħet fl-aħħar tal-2000, meta għaddiet il-Bidla fil-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja. F'dawn il-bidliet fil-Kostituzzjoni, is-setgħat tal-Qorti Kostituzzjonali kibru b'mod konsiderevoli, u l-għadd ta' mħallfin żdied minn 11, kemm kienu oriġinarjament, għat-total ta' 13. Barra mis-setgħat diġà stabbiliti fil-Kostituzzjoni tal-1990, il-Qorti Kostituzzjonali ngħatat dawn is-setgħat ġodda li ġejjin:

- li tirrevedi l-kostituzzjonalità ta' liġi, u l-kostituzzjonalità u l-legalità ta' regolamenti oħra li ma għadhomx fis-seħħ, dejjem jekk tkun għadha ma għaddietx sena mid-data minn meta ma baqgħux fis-seħħ, u d-data meta ntefgħet it-talba jew il-proposta għall-ftuħ tal-proċedimenti;
- li żżomm taħt monitoraġġ l-implimentazzjoni tal-kostituzzjonalità u tal-legalità, u tirrapporta lura lill-Kamra tar-Rappreżentanti tal-Parlament Kroat dwar kull nuqqas ta' kostituzzjonalità u illegalità li tkun osservat;
- jekk il-Qorti Kostituzzjonali ssib li entità kompetenti ma adottatx regolament għall-eżekuzzjoni ta' dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni, ta' liġijiet u ta' regolamenti oħra meta kienet obbligata tagħmel dan, hija trid tinforma lill-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja dwar dan, u f'każ ta' regolamenti li suppost ġew adottati mill-gvern, trid tinforma lill-Kamra tar-Rappreżentanti tal-Parlament Kroat dwar dan;
- li tadotta, fuq proposta tal-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja, deċiżjoni fejn il-President tal-Kroazja jaqdi d-dmirijiet ta' President tar-Republika temporanju jekk il-President tar-Republika ma jkunx jista' jaqdi dmirijietu għal perjodu sinifikanti ta' żmien minħabba mard jew għax ma jkunx jista', u b'mod partikolari jekk hu ma jkunx kapaċi jiddeċiedi li għandu jiddelega xogħlu lil sostitut temporanju.
- li tagħti l-awtorizzazzjoni minn qabel għad-detenzjoni jew għall-ftuħ ta' proċedimenti kriminali kontra l-President tar-Repubblika;
- li tiddeċiedi fuq appell kontra deċiżjoni tal-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali biex imħallef jitkeċċa mill-kariga ġudizzjarja tiegħu, u li tiddeċiedi fuq appell kontra deċiżjoni tal-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali li għandha x'taqsam mar-responsabbiltà dixxiplinarja ta' mħallef, fi żmien 30 jum mis-sottomissjoni tal-appell (id-deċiżjoni teskludi d-dritt għal rikors kostituzzjonali) għat-tnejn li huma.

**It-tielet bidla tal-Kostituzzjoni** tal-1990 seħħet fil-bidu tal-2001. Dawn il-bidliet la emendaw u lanqas ma ssupplementaw id-dispożizzjonijiet kostituzzjoanli tal-2000, li estendew sostanzjalment is-setgħat tal-Qorti Kostituzzjonali apparagun tas-setgħat li kellha skont il-Kostituzzjoni tal-1990. Kulma għamlu kien li allinjaw it-terminoloġija eżistenti minn dik il-parti tal-Kostituzzjoni relattiva għall-Qorti Kostituzzjonali mat-terminoloġija tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Barra minn hekk, fid-dispożizzjonijiet eżistenti tal-Kostituzzjoni li għandhom x'jaqsmu mal-Qorti Kostituzzjonali, ir-referenzi kollha għall-Kamra tar-Rappreżentanti u l-Kamra tal-Kontei tal-Parlament Kroat tneħħew peress li l-bidliet fil-Kostituzzjoni tal-2001 organizzaw mill-ġdid il-parlament nazzjonali f'kamra waħda (il-Kamra tal-Kontei ġiet abolita u d-dispożizzjonijiet li jirreferu għall-Kamra tar-Rappreżentanti tbiddlu bid-dispożizzjonijiet li jirreferu għall-Parlament Kroat).

F'Marzu 2002 għadda l-Att Kostituzzjonali li jemenda u jissupplimenta l-Att Kostituzzjonali dwar il-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Kroazja, u allinja t-test tal-Att Kostituzzjonali tal-1999 mas-setgħat estiżi tal-Qorti Kostituzzjonali stabbilita bil-bidla fil-Kostituzzjoni tal-2000. Dan għadu fis-seħħ.

Ir-reviżjoni Kostituzzjoniali ġiet introdotta fil-Kroazja fl-1963, u l-Qorti Kostituzzjonali bdiet taħdem fl-1964.

Ir-reviżjoni Kostituzzjonali fir-Repubblika tal-Kroazja tista' tiġi diviża f'żewġ perjodi storiċi:

ir-reviżjoni kostituzzjonali fl-Eks-Repubblika Soċjalista tal-Kroazja mill-1963 sal-1990 – il-perjodu li fih il-Kroazja kienet waħda minn sitt entitajiet federali (repubbliki) li kienu jikkostitwixxu l-Eks-Repubblika Soċjalista Federali Jugoslava (minn hawn 'il quddiem "l-Eks-RSFJ");

ir-reviżjoni kostituzzjonali fir-Repubblika tal-Kroazja mill-1990 sal-lum il-ġurnata – il-perjodu wara li r-Repubblika tal-Kroazja saret awtonoma u indipendenti.

### L-aktar leġiżlazzjoni tal-liġi kriminali importanti

**Il-Liġi Kriminali:**

Il-Kodiċi Kriminali

L-Att dwar il-proċedura kriminali

L-Att dwar il-kontravvenzjonijiet

L-Att dwar il-qrati għall-minorenni

L-Att dwar il-protezzjoni ta' persuni bi problemi mentali

L-Att dwar in-nonpreskrizzjoni ta' reati marbutin mal-profitt illeċitu ta' żmien il-gwerra, it-tranżizzjoni ekonomika u l-privatizzazzjoni

L-Att dwar il-kumpens finanzjarju għall-vittmi tar-reati kriminali

L-Att dwar ir-responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi għal reati kriminali

L-Att dwar l-amnestija

L-Att dwar il-proċedura għall-konfiska tar-rikavat minn attività kriminali u illeċita

L-Att dwar il-konsegwenzi legali tas-sentenzi, ir-rekords kriminali u r-riabilitazzjoni

L-Att dwar il-probation

### L-aktar leġiżlazzjoni importanti tal-liġi ċivili, kummerċjali u amministrattiva

**Il-liġi ċivili:**

L-Att dwar l-eżekuzzjoni

L-Att dwar l-arbitraġġ

L-Att dwar l-assistenza legali bla ħlas

L-Att dwar il-validazzjoni

L-Att dwar il-konċiljazzjoni

L-Att dwar is-suċċessjoni

L-Att dwar l-obbligi ċivili

L-Att dwar il-proċedura ċivili

L-Att dwar is-sjieda u drittijiet *in rem* oħra

L-Att dwar il-lokazzjoni u x-xiri ta' proprjetà kummerċjali

L-Att dwar ir-reġistru tal-artijiet

L-Att dwar ir-responsabbiltà tar-Repubblika tal-Kroazja għad-dannu kkawżat fl-Eks-Repubblika Soċjalista Federali Jugoslava (l-Eks-RSFJ) li l-Eks-RSFJ kienet responsabbli għalih

L-Att dwar ir-responsabbiltà tar-Repubblika tal-Kroazja għad-dannu kkawżat mill-membri tal-Forzi Armati u tal-Forzi għall-Ordni Pubbliku Kroati waqt il-gwerra tal-Indipendenza Kroata

L-Att dwar ir-responsabbiltà għad-dannu kkawżat minn atti terroristiċi u dimostrazzjonijiet pubbliċi

L-Att dwar il-projbizzjoni tat-trasferiment tad-dritt tad-disponiment u tal-użu ta' ċerta proprjetà immobbli ta' dominju pubbliku lil utenti oħra jew lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi

L-Att li jċaħħad lil ċerti persuni ġuridiċi mid-dritt li jiddisponu u jidħlu fil-pussess ta' beni fir-Repubblika tal-Kroazja

L-Att biex jissolvew il-kunflitti bejn il-liġijiet u r-regolamenti ta' pajjiżi oħra f'relazzjonijiet speċifiċi

**Il-liġi kummerċjali:**

L-Att dwar il-falliment

L-Att dwar il-korporazzjonijiet

L-Att dwar ir-reġistru tal-qrati

L-Att dwar l-introduzzjoni tal-Kumpanija Ewropea (Societas Europaea - SE) u tal-Grupp Ewropew b'Interess Ekonomiku (GEIE)

**Il-liġi amministrattiva:**

L-Att dwar l-esproprjazzjoni

L-Att dwar l-esproprjazzjoni u l-għoti ta' kumpens

L-Att dwar it-tilwim amministrattiv

L-Att dwar il-kumpens għall-beni maħtufa waqt it-tmexxija komunista Jugoslava

L-Att dwar ir-regoli u t-trattati internazzjonali marbutin mal-applikazzjoni tal-kumpens għall-beni maħtufa waqt it-tmexxija komunista Jugoslava

---

**Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.**

L-aħħar aġġornament: 22/08/2016